# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2020 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2021-2022. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-Ewwel Sena Primarja.

## L-Ewwel Sena Primarja Subien Mainstream

Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna total ta' sebgħa u għoxrin post vakanti fil-primarji ta' St. Francis ta' Bormla u tal-Imsida. Dawn jiżdiedu mal-postijiet vakanti mainstream.  Kelna nbidlu post mainstream għal każ serju.  Għalhekk dan il-post irid jitnaqqas.

It-total ta' postijiet mainstream imħabbra fir-Regolamenti huwa ta' 324, jonqsu u jiżdiedu dawn il-każijiet li għadna kif semmejna u t-total ta' postijiet mainstream iniżjali huwa ta' tliet mija u ħamsin (324+27-1=350) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 27 |
| *1b 1c Tfal tal-Impjegati fl-istess skola u aħwa* | 4 |
| *1b 1g Tfal tal-Impjegati* | 1 |
| *1ċ  Aħwa* | 99 |
| *1ċ 1f Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 7 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 47 |
| *1ġ Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 12 |
| ***Total*** | **197** |

## L-Ewwel Sena Primarja Subien li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti għas-subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 23 post.  Żidna 4 postijiet għaliex fiż-żewġ  skejjel partikulari ma kienx hemm biżżejjed postijiet għas-subien li applikaw.  Għalhekk it-total ta' postijiet bis-sapport huwa ta' 27.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 2 |
| *1ċ  Aħwa* | 13 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 7 |
| ***Total*** | **22** |

Ninfurmawkom li ser nilqgħu applikazzjonijiet għas-subien mainstream, li għandhom bżonn is-sapport, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

**L-Ewwel Sena Primarja Bniet Mainstream**

Ninfurmawkom li wara li ġie konkluż it-transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis jirriżulta li għandna tnax -il post vakanti fil-primarja ta' St. Francis ta' Bormla. Dawn jiżdiedu mal-postijiet vakanti mainstream imħabbra fir-Regolamenti u jġiebu t-total ta' postijiet vakanti għall-mitejn u għaxra (198+12=210) post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 16 |
| *1b 1c Tfal tal-Impjegati fl-istess skola u aħwa* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 42 |
| *1ċ 1f Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 4 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 43 |
| *1ġ Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 3 |
| ***Total*** | **110** |

Tlett applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola se jħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

## L-Ewwel Sena Primarja Bniet li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

In-numru ta' postijiet offruti għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 16-il post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-Impjegati fl-istess skola* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 1 |
| *1f Tfal minn skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 1 |
| ***Total*** | **4** |

Għandna żewġ applikazzjonijiet tal-aħwa għal skola li bħalissa m'hemmx postijiet vakanti. Jekk jinqala' post f'din l-iskola dawn jinkitbu fiha.

In-numru ta' postijiet għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa akbar mill-applikazzjonijiet li rċevejna tal-Ewwel Kriterju.

Se nilqgħu aktar applikazzjonijiet għal bniet mainstream, li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

**Konklużjoni**

Aktar informazzjoni tinsab fl-istqarrija għall-istampa fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt fil-ġimgħat li ġejjin.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul u jkollhom ħuthom li qed japplikaw għall-ewwel sena kindergarten. Jekk xi wħud minn dawn l-aħwa jirreġistraw fi skola, iż-żgħar jkunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom jekk ikun hemm post. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**23 ta' Jannar 2021**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**